

Brussell, 9 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5026/24

ECOFIN 5
UEM 4
SOC 4
EMPL 4
COMPET 4
ENV 4
EDUC 3
RECH 4
ENER 3
JAI 6
GENDER 3
ANTIDISCRIM 3
JEUN 3
SAN 4

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Nota ta' spjegazzjoni - Dokument ta' akkompanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2024

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-verżjoni ta' wara l-KEF u l-EWG tan-Nota ta' spjegazzjoni li takkompanja r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

Nota ta' spjegazzjoni

- Dokument ta' akkumpanjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2024

L-Artikolu 2ab)(2) tar-Regolament 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsimha "Djalogu ekonomiku", jgħid li *"Il-Kunsill mistenni li, bħala regola, jsegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu b'mod pubbliku"*.

Fir-rigward ta' din ir-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-isjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro fil-kuntest tas-semestru Ewropew, li dwarha l-Kummissjoni mhux qed taqbel.

Il-Kunsill (Ecofin) qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

EAR 1

Test tal-Kummissjoni:

Jadottaw politiki fiskali koordinati u prudenti biex iżommu d-dejn fl-ivell prudenti jew ipoġġu l-proporzjonijiet tad-dejn fuq perkors plawsibbli 'l isfel. Jiksbu pożizzjoni fiskali restrittiva ġenerali fiż-żona tal-euro u b'hekk jiffaċilitaw ir-ritorn f'waqt tal-inflazzjoni għall-mira ta' 2 %, filwaqt li jibqgħu aġli fid-dawl tal-inċertezza għolja. Inaqqsu l-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija relatati mal-kriżi mill-aktar fis possibbli u jużaw l-iffrankar li jirriżulta biex jitnaqqsu d-defiċits. Filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-massimi tan-nefqa rakkomandati mill-Kunsill, jimmodulaw il-pożizzjoni fiskali biex jevitaw diverġenzi dejjiema fl-inflazzjoni. Fit-terminu medju, jiżviluppaw strateġiji fiskali biex tinkiseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju u jsaħħu s-sostenibbiltà tad-dejn fejn meħtieġ, permezz ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi pubbliċi ta' kwalità għolja. Meta meħtieġ, jinkludu f'dawn l-istrateġiji miżuri biex ikomplu jżidu l-effiċjenza u l-kwalità tal-infiq pubbliku u biex itejbu s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa.

Test maqbul:

Jadottaw politiki fiskali koordinati u prudenti biex iżommu d-dejn fl-ivell prudenti jew ipoġġu l-proporzjonijiet tad-dejn fuq perkors plawsibbli 'l isfel. Filwaqt li l-politiki għandhom jibqgħu aġli fid-dawl tal-inċertezza prevalenti, jiksbu pożizzjoni fiskali restrittiva ġenerali fiż-żona tal-euro fl-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, u b'hekk itejbu s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u jevitaw li jżidu l-pressjonijiet inflazzjonarji. Inaqqsu l-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza għall-enerġija mill-aktar fis possibbli fl-2024 u jużaw l-iffrankar relatat biex inaqqsu d-defiċits. [...] Jiżviluppaw strateġiji fiskali biex jiksbu pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju u jsaħħu s-sostenibbiltà tad-dejn fejn meħtieġ, permezz ta' konsolidazzjoni determinata, differenzjata, gradwali u realistika, flimkien ma' investimenti u riformi pubbliċi ta' kwalità għolja, b'mod partikolari biex jinkiseb tkabbir sostenibbli oġġla u biex tingħata spinta lir-reżiljenza taż-żona tal-euro għall-isfidi futuri. Fejn meħtieġ, jinkludu f'dawn l-istrateġiji miżuri biex ikomplu jżidu l-effiċjenza u l-kwalità tal-infiq pubbliku u biex itejbu s-sostenibbiltà u l-adekwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill jagħraf l-importanza li jiġi evitat li jiġu stimulati pressjonijiet inflazzjonarji permezz tal-politika fiskali, iżda jara inqas rwol tal-politika fiskali fl-indirizzar tad-differenzjali tal-inflazzjoni, fejn politiki strutturali oħra għandhom rwol aktar kruċjali. Konsegwentement, it-test maqbul jevita r-referenza għall-modulazzjoni tal-pożizzjoni fiskali biex jiġu evitati diverġenzi dejjiema fl-inflazzjoni, filwaqt li jinżamm il-messaġġ dwar l-iżgurar tal-konformità mar-rakkomandazzjonijiet fiskali tal-Kunsill.

EAR 2

Test tal-Kummissjoni:

Isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku, biex jappoġġaw it-transizzjoni ekoloġika u diġitali, isaħħu l-produttività u r-reżiljenza. Jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż il-kapitoli REPowerEU tagħhom. Jagħmlu użu sħiħ mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni u jiżguraw li r-rieżami ta' nofs it-terminu tagħhom iqis, fost l-oħrajn, l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew u l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mingħajr ma titnaqqas l-ambizzjoni ġenerali tagħhom.

Test maqbul:

Isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku, biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, isaħħu l-produttività, il-kompetittività u jixprunaw ir-reżiljenza ekonomika u soċjali. [...] Jiżguraw l-implimentazzjoni kontinwa, rapida u effettiva tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inkluż il-kapitoli REPowerEU tagħhom. Jagħmlu użu sħiħ mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni u jiżguraw li r-rieżami ta' nofs it-terminu tagħhom iqis, fost l-oħrajn, l-isfidi ġodda u r-rakkomandazzjonijiet identifikati fis-Semestru Ewropew u l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mingħajr ma titnaqqas l-ambizzjoni ġenerali tagħhom.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill iqis li huwa tal-akbar importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni kontinwa, rapida u effettiva tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, mingħajr detriment għall-evalwazzjonijiet rigorużi tal-Kummissjoni. Konsegwentement, it-test maqbul jevita referenzi għall-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni peress li l-Kunsill għadu xettiku dwar jekk l-aċċellerazzjoni ulterjuri tal-implimentazzjoni hijiex fattibbli.